**Minuti tal-Ħames (05) Laqgħa ta' l-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad/Wardija li saret nhar l-Erbgħa 1 ta' Diċembru 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fis-5.30 ta' fil-għaxija.**

Il-laqgħa bdiet fis-5:45 ta' fil-għaxija.

Il-Membri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Chairperson Ray Bartolo | 5.30 p.m. | 8.20 p.m. |
| Vici-Chairperson Simone Aquilina | 5.50 p.m. | 8.20 p.m. |
| Membru Peter Abela | 5.45p.m. | 8.20 p.m. |
| Membru Carmel Hili | 5.30 p.m. | 8.20 p.m. |
| Membru Joseph Mario Hili | 5.30p.m. | 8.20 p.m. |

Iċ-Chairperson mexxa l-laqgħa tal-kumitat.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea u is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri, kienu preżenti għal-laqgħa.

**1.0 Qari tal-Minuti tar-Raba (04) Laqgħa li nżammet nhar il-Ħamis 28 ta' Ottubru, 2010**

1.01 Il-minuti kienu ntbagħtu qabel il-Laqgħa u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Saret korrezjoni f'item 7.03 u żdiedu l-kliem **"għas-smiegħ tal-quddiesa ġewwa l-Kappella privata"** wara il-kliem **"li tintuża mir-residenti tal-Wardija."** fl-ewwel paragrafu.

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti**

2.01 **Dwar Item 2.01 –** Dwar il-possibilita' ta' mobile għall-użu tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo informa li waqt laqgħa mal-Hon. Dr. Chris Said ġew infurmati li dan mhux possibbli.

2.03 **Dwar Item 2.03** –Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo, qal li l-kumitat tal-festa kienu talbu xi kwotaazjonijiet iżda billi issa kien għafas iż-żmien, jekk ma jilħqux jixtru tiżjin tal-Milied bid-dawl din is-sena, il-flus ivvutati jitħallew għal-sena oħra.

2.04 **Dwar Item 2.06** – Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo qal li sakemm titlesta l-funtana ma kienux qed isiru xogħolijiet oħra.

2.05 **Dwar Item 3.02** – Għandha tintbgħat *reminder* lill-Enemalta.

**2.06 Dwar Item 3.03 –** Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo informa lill-Kumitat li l-Perit tal-Kunsill kien qed imexxi billi jipprepara l-applikazzjonijiet lill-Mepa u TM. Sa issa id-Dipartiment kien għadda s-somma ta' Euro 10,000.--, nofs is-somma mwiegħeda.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet.**

3.01 Ma kienx hemm korrispondenza.

**4.00 Diskussjoni dwar Sejħiet għall-offerti.**

4.01 Ic-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo, qal li huwa kien għamel eżerċizzju u kien ser jgħaddi soft copy lis-Segretarju Eżekuttiv bid-dettalji ta' kif setgħu jiġu amalgamati uħud mill-kuntratti ta' xogħolijiet diversi taħt tender wieħed (Tender 1 skont Tabella nr. 1 hawn taht) u tinħareġ sejħa mill-Kumitat Amministrattiv Burmarrad separatament mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar filwaqt li xogħolijiet oħra jibqgħu jsiru minn kuntratturi tal-Kunsill (Tender 2 u Tender 3). It-total ta' flus eligibbli mill-*budget* kif indikat mill-Gvern Centrali kien dak ta' Euro12,000.-- u magħhom tizdied is-somma ta' Euro 3,000 mill-*adjustment fund* ghall-total ta' Euro 15,000.

Tabella: 1

| Tender No | Lot No | Tender Name | Issued by |
|---|---|---|---|
| ***Tender 1*** | *Lot 1* | Street Sweeping incl. Burmarrad Square at least once a week | KAB |
| | *Lot 2* | Emptying of all litter bins at least once a week (include up to a maximum of xxx units) | |
| | *Lot 3* | Cleaning and clearing of non-urban roads | |
| | *Lot 4* | Upkeep and cleaning of the Burmarrad Fountain | |
| | *Lot 5* | Upon request (where the services is not provided for free from a Government entity):<br>Hourly rate for the service of:<br>1. Sweeping | |
| ***Tender 2*** | | Bulky Refuse | LC |
| ***Tender 3*** | | Upkeep and Maintenance of Parks and Gardens:<br>-Roundabout Maghsar Str<br>-Burmarrad Square Soft Area + Fountain<br>-Wardija Soft Area<br>-Maghsar Project<br>-Flower pots<br>-Triangle in front of Burmarrad Square<br>-Burmarrad Playingfield<br>-Triangle near Scotts Supermarket<br>-Pruning of Trees | LC |

## 5.00 Dawl Dekorattiv (Milied 2010).

5.01 Ic-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo, qal li dan l-item kien diġa ġie diskuss aktar qabel fil-laqgħa (ara item 2.03) fejn ġie deċiż li jekk jibqa flus mis-somma ta' elf ewro (1,000) ivvutati għal-dan l-iskop, dawn jibqgħu għal sena oħra.

## 6.00 Attivita' għall-Community Chest Fund.

6.01 Ic-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo, qal li ma kienx hemm rispons minn Għaqdiet dwar din l-attivita' u li għalkemm kien għad baqa żmien jiġi kkonsidrat kwalunkwe suġġeriment li jista jkun hemm, il-Kumitat kien qed jikkommetti ruħu li sena oħra din l-attivita' tkun waħda mill-*commitments* tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.

## 7.00 Sotto-Kumitat Immaniggjar tat-Traffiku.

7.01 Ġie deċiż li għandha tiġi ifformulata ittra biex tintbagħat lill-TM dwar il-periklu ta' traffiku f'Burmarrad. Is-Sur Ray Bartolo kien ser jgħaddi dettalji lis-Segretarju Eżekuttiv dwar dan u l-ittra terġa tiġi diskussa mill-Kumitat qabel tintbaghat lil TM. Fost affarijiet oħra ġie suġġerit li ssir *grid* safra

ħdejn Scotts Super Market, u sistema ta' one-ways. Għandhom ukoll isiru parking bays fi Triq Manwel Bonnici, u linja bajda f'nofs it-triq ta' taħt il-knisja. Ġiet ukoll suggerita sistema ta' Solar Signs, Beacon Lights, u Speed Limit ta' 45km.

**8.00 Ħwejjeġ Oħra**.

8.01 Is-Sur Carmel Hili talab li fi Triq id-Dwieli (in-naħa ta' fuq ħdejn il-Moonlight Hall) issir tabella "Danger- Dead End".

8.02 Il-Membri kollha ġew imħeġġa jibgħatu xi artikli għall-pubblikazzjoni fil-magazine tal-Kunsill. Il-Kumitat kien ser jaqsam l-ispejjez għal dan il-magazine pro-rata mal-Kunsill.

8.03 Ic-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo informa li sa l-aħħar tas-sena kien ser jibgħat l-ittra bl-emendi għal-konfini li hemm bżonn jsiru sabiex jitneħħew l-anomaliji li jeżistu fil-konfini preżenti. Il-membri ġew imħeġġa jibagħtu feedback permezz ta’ e-mail lic-Chairperson jew lis-Segretarju Eżekuttiv.

8.04 Il-Kumitat iddeċieda li ssir laqgħa mal-Wardija Association. Il-Membri Simone Aquilina u Peter Abela għandhom jgħaddu d-dettalji ta' din l-Assoċjazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv.

8.05 Ic-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo informa li meta issir il-Laqgħa li jmiss tal-Kumitat, wara issir l-ikla ta' l-aħħar tas-sena għall-Membri.

**9.00 Gheluq**.

Fit-8.20 ta’ fil-għaxija il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 28ta' Dicembru, 2010

| | |
|---|---|
| Ray Bartolo | John J. Camilleri |
| Chairperson | Segretarju Eżekuttiv |

20 ta’ Diċembru 2010 Ref: 55 / 0402 / 11 / OCZ